

#### **L-Artikolu 10 – Informazzjoni dwar il-qorti jew l-awtoritajiet kompetenti**

Skont l-Artikolu 6(3) tal-Liġi dwar il-medjazzjoni konċiljatorja f'tilwim ċivili tar-Repubblika tal-Litwanja, adottata fil-15 ta' Lulju 2008, meta tilwima li tkun qed tiġi solvuta permezz ta' medjazzjoni konċiljatorja ma tkun fl-istess ħin pendenti l-qorti, is-soluzzjoni tista' tiġi ppreżentata l-qorti għall-approvazzjoni skont il-proċedura ssempifikata stipulata fil-Kapitolu XXXIX tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tar-Repubblika tal-Litwanja wara talba miż-żewġ partijiet fit-tilwima. It-talba għall-approvazzjoni ta' soluzzjoni tiġi ppreżentata lil qorti distrettwali magħżula mill-partijiet fit-tilwima fid-distrett fejn waħda mill-partijiet tkun residenti jew ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha.

L-aħħar aġġornament: 07/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.